MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-11 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 365/2011

A B ammessa ghall-beneficcju ta’ l-Ghajnuna Legali (Dok. ‘A’)

vs

Avukat Dr Patrick Valentino u l-PL Hilda Ellul Mercer b’digriet tas-7 ta’ Marzu, 2012 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti C B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-esponenti zzewgt lil C B fl-10 ta’ Lulju 2003 (Ara Dok. ‘B’ hawn unit) u minn dan iz-zwieg twieldet tifla li jisimha DDfit-23 ta’ Frar 2004 (Ara Dok. ‘C’ hawn unit);
2. Illi l-hajja konjugali ta’ bejn il-kontendenti saret impossibbli minhabba nkompatibilita` ta’ karattru u ghal ragunijiet ohra li solitament jaghtu lok ghas-separazzjoni.

Zewgha spicca biex abbanduna d-dar matrimonjali f'Lulju 2007.

3. Illi l-esponenti ghalhekk qed tipprocedi ghas-separazzjoni personali minn ma' zewgha u b'degriet tas-26 ta' Ottubru 2011 dina l-Onorabbli Qorti awtorizzatha tipprocedi bic-citazzjoni opportuna (Ara Dok. "D" hawn unit).

Talbet ghar-ragunijiet hawn premessi u prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut C B;
2. Tafdala l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri DDB.
3. Tordna lill-konvenut ihallas il-manteniment lill-attrici ghaliha u ghat-tifla minuri DDB.
4. Tordna lill-konvenut sabiex okkorrendo ihallas jew jikkonsenja lill-esponenti l-proprjeta` parafernali taghha.
5. Tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tiddividi u tassenja l-istess f'zewg porzjonijiet ugwali.
6. Tapplika kontra l-konvenut, interament jew in parte, d-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 48 u/jew 50 sa 55A tal-Kodici Civili.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tar-Rikors ghan-nomina ta' kuraturi deputati kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati, li *in forza* taghha huma eccepew:

1. Illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza pero` jirriservaw illi jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri u

aktar xhieda meta u jekk jirnexxilhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-kaz odjern.

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat il-provi li gew prodotti, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-qorti ghandha quddiemha kawza ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet fejn l-attrici tikkontendi li z-zwieg tkisser ghal ragunijiet ta' nuqqa ta' inkompatibilita' ta' karattru u ragunijiet ohra li solitament jaghtu lok ghal separazzjoni.

Il-qorti tirrileva li permezz tan-nota ta' eccezzjonijiet taghhom il-kuraturi deputati appuntati sabiex jirrapprezentaw lill-intimat assenti ddikjaraw li m'humiex edotti mill-kaz u rriservaw li jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri f'kaz li jirnexxilhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-kaz odjern.

**<u>Il-VERZJONI TAL-ATTRICI</u>**

L-attrici, permezz tal-affidavit taghha tghid li ltaqghet mal-intimat assenti permezz tal-*internet*. Imbaghad f'Novembru 2002, marret fl-istat fejn kien joqghod (fl-Istati Uniti tal-Amerika). Il-pjan taghha kien li tmur ghal btala ta' tlett gimghat imma l-intimat iddecieda li jitlaq id-dar mikrija li kellu biex jigi lura Malta mal-attrici. Minkejja li l-attrici qaltlu biex ma jiehux decizjonijiet ta' malajr, specjalment minhabba l-fatt li kellu zewgt itfal u li kien ser ihallihom warajh, l-intimat iffirma karta li permezz taghha ghadda l-kura u l-kustodja ta' uliedu lil ommhom, minkejja l-fatt li kien jahseb li ommhom kienet "***inadequate of looking***

***after the boys due to her drinking problems***"[1]. Meta l-attrici staqsietu ghaliex kien dispost li jhalli t-tfal ma' mara li skont hu ma kienitx kapaci tiehu hsieb lil ulieda, r-risposta kienet dik li "***I only wanted custody of the boys so I will not have to pay child maintenance***"[2].

L-attrici tkompli tghid li mieghu l-intimat ma gab ebda flus u peress li kien ta' nazzjonalita' Amerikana baqa' minghajr permess tax-xoghol sakemm il-partijiet marru fi Florida fejn il-partijiet izzewgu. Dan kien nhar l-10 ta' Lulju 2003[3]. Ftit wara, l-attrici harget tqila bil-minuri DDli twieldet nhar it-23 ta' Frar 2004[4].
L-intimat xejn ma ghamel *bonding* mal-minuri u flimkien mal-fatt li baqa' juri kemm hu ragel irresponsabbli, l-partijiet kellhom diversi kunflitti bejniethom specjalment minhabba l-fatt li l-konvenut ma setax jifhem li l-minuri kienet tehtieg hafna attenzjoni. L-intimat baqa' jberbaq flusu b'mod irresponsabbli minghajr ma kien jahseb fuq il-kontijiet, fuq l-ikel u fuq il-bzonnijiet tal-istess tarbija. Barra minn hekk, l-attrici tirrakkonta wkoll li l-mod ta' kif kien jagixxi fil-konfront tal-minuri kien inaccettabbli ghaliex fi kliemha stess kien "***greatly foul***"[5]. Tliet snin wara z-zwieg, l-intimat kien jahdem hafna matul il-gimgha biex imbaghad kien iqatta' l-*weekend* shih barra mid-dar u 'l boghod minn familtu u kien jirritorna lura nhar ta' Tnejn b'nofs il-paga f'idejh. Naturalment dan l-agir ikkawza hafna *stress* fuq l-istess attrici u kien sar insapportabbli ghall-attrici minkejja li ppruvat taghmel minn kollox biex issalva l-familja taghha, imma kien kollu ta' xejn. Baqa' sejjer bl-istess hajja sas-27 ta' Lulju 2007 meta finalment telaq u qatt ma rega' rritorna. Wara dik il-gurnata ma sar l-ebda forma ta' kuntatt bejniethom jew ma' bintu li lanqas biss kien qallha *goodbye* qabel ma telaq.

---

[1] Ara a fol 34 tal-process

[2] Ara a fol 35 tal-process

[3] Kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg esebit a fol 9 tal-process

[4] Kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg esebit a fol 10 tal-process

[5] Ara a fol 36 tal-process

L-attrici taghlaq billi tghid li ma tircievi ebda ghajnuna da parti tal-intimat zewgha u li m'ghandha ebda idea dwar fejn jista' jinsab.

**IL-PROVI MIGBURA QUDDIEM DIN IL-QORTI**

Il-qorti tirrileva li apparti l-affidavit prezentat in atti da parti tal-attrici, ma tressqu ebda provi dwar x'jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti u dan *stante* li minkejja d-digriet tal-qorti tat-28 ta' Marzu 2012[6] fejn l-attrici giet ordnata tipprezenta n-nota guramentata taghha, din baqghet ma saritx u konsegwentement, il-qorti m'ghandha ebda prova dwar x'jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti u x'jista' jkun parafernali.

**DWAR IT-TALBA GHAS-SEPARAZZJONI PERSONALI**

Dwar l-ewwel talba, il-qorti fl-ewwel lok taghmel referenza ghal Artikolu 41 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jsegwi hekk:

"***Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba***".

Permezz tal-affidavit taghha l-attrici tiddikjara li l-intimat telaq mid-dar matrimonjali f'Lulju 2007 u qatt ma rega' mar lura. Il-qorti m'ghandha ebda prova kontrarja ghal dak li qed issostni l-attrici u tiddikjara wkoll li ma tara ebda raguni ghaliex m'ghandhiex taghti kredibilita' lil tali verzjoni. Tenut kont ta' tali abbandun, skont dak li tghid l-attrici, sar ghaliex l-intimat assenti huwa ragel li qatt ma assuma r-responsabbilita' tal-minuri jew tal-familja, allura t-talba taghha ghas-separazzjoni personali ma tistax ma tintlaqax.

[6] Ara a fol 24 tal-process

**DWAR IT-TALBA GHALL-KURA U L-KUSTODJA TAL-MINURI**

Il-qorti tirrileva li ghalkemm ma semghet ebda provi da parti tal-intimat, jirrizulta bl-aktar mod car li ghall-anqas miz-zmien meta l-intimat telaq barra minn Malta, kienet l-attrici li assumiet il-kura u l-kustodja effettiva tal-minuri DDB. Jirrizulta car ukoll li l-istess attrici ghandha l-interessi tal-minuri ghal qalbha tant li qieghda titlob li tigi fdata bil-kura u l-kustodja tal-istess minuri. Din il-qorti hija konvinta sal-grad rikjest mill-ligi li l-attrici hija kapaci tiehu hsieb lill-minuri bl-ahjar mod li tista', kif wara kollox ilha taghmel ghal diversi snin issa u dan qieghed jinghad ghaliex m'hemm ebda prova kuntrarja ghal dan.

Kwistjonijiet relatati mal-kura u l-kustodja tal-minuri jridu jigu decizi necessarjament fid-dawl tal-principju tal-ahjar interessi tal-istess minuri. F'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet ***M. Bonnici vs Onor J. Raynaud***[7] fejn gie dikjarat li *"***Il-principju li ghandu jipprimeggja, meta l-Qorti tigi biex taghti provvediment dwar il-kura tat-tfal huwa dak li huwa suggerit mill-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantagg ghall-interess tal-istess tfal***"* kif ukoll ghall-kawza fl-ismijiet ***Dr. V. Randon vs J. Randon***[8] *u* ***Scifo Diamantino vs M. Scifo Diamantino***[9] fejn gie ritenut *li "***r-regola generali f'din il-materja hi l-ahjar interess u vantagg tat-tfal***".* Din il-qorti ma thossx li huwa l-kaz li tkompli tamplifika b'kazistika li jkomplu jaghti sostenn lil dan l-argument stante li ma tezisti ebda kontestazzjoni dwar fuq x'hiex ghandha tkun ibbazata d-decizjoni tal-qorti.

Ghalhekk, fid-dawl ta' dak citat u fid-dawl tan-nuqqas ta' prova li l-attrici m'hijiex omm idonea ghall-istess minuri, din il-qorti thoss li huwa xieraq li l-istess attrici tigi fdata bil-kura u l-kustodja tal-istess minuri.

---

[7] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1947, Vol. 33D 1947

[8] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1972

[9] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1972

## DWAR IT-TALBA GHAL HLAS TA' MANTENIMENT

Il-qorti terga' tirrileva li ma ngabet ebda prova dwar l-introjtu kemm tal-attrici kif ukoll tal-partijiet. Tenut kont ta' dan, allura din il-qorti trid necessarjament tiffissa manteniment skont il-minimu stabbilit fil-prassi. Dan qieghed jinghad ghaliex  il-qorti m'ghandha ebda informazzjoni dwar jekk l-attrici tahdimx jew le. Pero' tenut kont tal-fatt li l-qorti thoss li huwa fl-ahjar interess tal-minuri li l-kura u l-kustodja taghha tkun fdata f'idejn l-attrici, allura dan necessarjament ifisser li l-intimat huwa obbligat li jhallas manteniment versu bintu ghall-ghixien taghha. Fic-cirkustanzi ghalhekk  il-qorti tara li l-manteniment ghall-minuri li ghandu jithallas mill-intimat ghandu jkun dak ta' €250 kull erba' gimghat, liema manteniment jinkorpora fih ukoll nofs l-ispejjez relattivi mas-sahha u l-edukazzjoni tal-istess minuri.

## DWAR IT-TALBA GHAX-XOLJIMENT TAL-KOMUNJONI TAL-AKKWISTI

Din il-qorti terga' tirrileva li mill-provi ma jirrizulta li hemm xejn formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti *stante* li kif diga' gie rilevat aktar 'il fuq, l-attrici tonqos milli ggib prova ta' dan.  Tenut kont ta' dan in-nuqqas, il-qorti thoss li m'ghandha ebda raguni ghala tkompli telabora dwar din it-talba.

## DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-ARTIKOLU 48 ET SEQ KONTRA L-INTIMATA

L-artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef –

(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;
(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;

(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;

(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.

Din il-qorti, tirrileva li ghalkemm qieghda taghti kredibilita' lill-attrici, l-affidavit taghha biss minghajr ma hu kkorraborat b'ebda xhud iehor m'huwiex bizzejjed biex jaghti lok ghall-applikazzjonijiet hawn fuq imsemmija *stante* li ghall-applikazzjoni tal-istess, hemm in-necessita' ta' prova aktar sodisfacenti.

**DECIDE**

Ghalhekk, ghal dawn il-motivi, il-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba fis-sens li tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi htija unika tal-intimat;

[2] Tilqa' t-tieni talba u tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri DDB f'idejn l-attrici;

[3] Tilqa' it-tielet talba u tordna lill-intimat ihallas is-somma ta' €250 kull erba` gimghat bhala manteniment ghall-minuri DDB, liema manteniment ghandu jibqa' jithallas sal-eta' ta' tmintax –il sena b'dan illi jekk l-istess minuri tibqa' tistudja fuq bazi *full-time,* tali manteniment ghandu jibqa' jithallas sa' mal-istess minuri tieqaf tistudja (fuq bazi *full-time*) jew sakemm ikollha l-eta' massima ta' tlieta u ghoxrin sena, skont liema eventwalita' ssehh l-ewwel;

[4] Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba' talba abbazi ta' nuqqas ta' provi;

[5] Tilqa' l-hames talba limitatament ghal dik li hija dikjarazzjoni tax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess talba;

[6] Tichad is-sitt talba.

Bl-ispejjez kontra l-intimat b'dan li l-ispejjez relatati mal-kuraturi deputati ghandhom jithallsu provizorjament mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------